

*Minn qiegħ qalbna o kbir Andrija*
*Inselmulek Ħalluqin*
*B'vuċi waħda lkoll ngħidulek*
*Sliem għalik Missier Ħanin*

# Il-Banda San Andrea u s-Sena 1919

**Joseph A Bugeja**
*B.Comm, BA (Hons) Econ, MBA (Maastr)*

Is-sena 1919 kienet is-sena ta' żvoltà għal pajjiżna. Is-sena ta' qabel kienet intemmet l-akbar gwerra li d-dinja qatt rat. Din il-gwerra kienet ġabet taqlib kbir mad-dinja. Dan ir-riħ tal-bidla kien wasal ukoll pajjiżna.

F'Novembru 1918 il-Maltin, bħal bosta popli oħra, tennew mill-ġdid it-talba tagħhom għal-Libertà u Ġustizzja.[1] Nhar il-25 ta' Frar 1919 tlaqqgħet l-ewwel sessjoni tal-*Assemblea Nazionale* li bħala għan kellha dik li tfassal kostituzzjoni ġdida. F'din l-Assemblea, Ħal Luqa kien rappreżentat minn erba' delegati, tnejn minn kull każin tal-banda. Ir-rappreżentanti ta-Banda San Andrea kienu is-sinjuri C Zammit u C Cassar. It-tieni laqgħa ta' din l-*Assemblea Nazzionale*, dik tas-7 ta' Ġunju, saret fi klima ta' tensjoni kbira. Waqt din il-laqgħa u fil-jiem sussegwenti kien inqala rvell kbir kemm fil-Belt Valletta kif ukoll f'bosta rħula bħal Ħal Qormi, Ħal Luqa u ż-Żejtun.[2] Sfortunatament l-okkorenzi tal-għassa ta' Ħal Luqa għal dak il-perjodu huma mitlufa u għalhekk ħlief għal dan ir-rapport ta' inkjesta ftit nafu eżatt x'ġara. Li hu żgur huwa li kaġun ta' dawn l-irvellijiet il-gvern kolonjali kien rattab il-pożizzjoni tiegħu u ta lil pajjiżna l-ewwel gvern responsabbli.

Is-sena 1919 kienet ukoll is-sena ta' bidla definittiva għall-Banda San Andrea. Sa issa kien maħsub li l-*Filarmonica San Andrea* qalbet minn orkestra għal banda fis-sena 1915. Dokumentazzjoni ġdida iżda turina li l-1915 kien il-bidu ta' proċess li dam sejjer erba' snin. Fil-perjodu bejn is-sena 1915 u 1919, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Miruzzi, il-*Filarmonica San Andrea* kienet topera kemm orkestra u kif ukoll bħala banda. F'April 1919, nhar Ħadd il-Palm, il-*Filarmonica San Andrea* bħala orkestra kienet esegwiet programm mużikali fil-pjazza tal-knisja.

Dakinhar l-orkestra kienet daqqet il-marċi *Amoritudine* ta' Bennati; *Un Boeur affligе* tas-Surmast Miruzzi; *Fra I Cipressi* ta' Sartori; *Pensieri Funebri* ta' Martini; Dolorosa ta' l-ex Surmast tagħha P Vella. L-Orkestra issoktat il-programm tagħha bl-intermezz *Momento Musicale* ta' Manente u melodija (bla isem) ta' Abdilla.[3]

Eżatt xahrejn wara, nhar id-19 ta' Ġunju 1919, il-*Filarmonica San Andrea*, din id-darba bħala banda, ħadet sehem fil-festa

ta' *Corpus* u tellgħet programm mużikali fil-pjazza tal-knisja. F'dan il-programm il-banda kienet esegwiet il-marċ *Pro Patria*; is-sinfonija mill-opra *Marco Spada* ta' Auber, selezzjoni mill-opra *Attila* ta' Verdi, l-valz *Deep Blue Sea* ta Burner u silta mużikali (bla isem) ta' Walface.[4]

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn ir-repertorju tal-*Filarmonica San Andrea* fis-snin 1918-1920, meta din kienet iddoqq bħala banda, wieħed isib li din kellha repertorju ta' sbatax-il silta mużikali. Min-naħa l-oħra jekk wieħed iħares lejn ir-repertorju tal-*Filarmonica San Andrea* bħala orkestra wieħed jinduna kemm dan ir-repertorju kien wieħed limitat (l-istess żewġ siltiet - *Dolorosa* ta' P Vella u *Fra I Cipressi* ta' Sartori - kienu ndaqqu fil-programmi tal-1905 u l-1919). Dan kollu jwassalna għall-konklużjoni li bejn is-snin 1915 u 1919 il-*Filarmonica San Andre*a kienet għaddejja minn proċess ta' trasformazzjoni fejn l-attivitajiet tal-orkestra kienu qed jonqsu drastikament waqt li kienet qed terġa' tinbena mill-ġdid il-banda.

**Referenzi**


1 La Voce del Popolo, 25.ii.1919

2 Malta, 1.ix.1919, Rapport ta' inkjestà

3 Malta, 19.iv.1919

4 Malta 19.vi.1919






atomicgarageluqa@gmail.com

Tel: 2124 4659 Mob: 9945 8525